**Network Ewropew ta' Kunsilliera Reġjonali u Lokali**
Inwasslu l-Ewropa lill-komunitajiet lokali



#EUCouncillors

# GWIDA GĦALL-IMSIEĦBA

## 1. In-Network ta' Kunsilliera Reġjonali u Lokali tal-UE

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) huwa kburi li jistieden rappreżentanti eletti lokalment u reġjonalment mill-Unjoni Ewropea kollha biex jingħaqdu man-Network Ewropew ta' Kunsilliera Reġjonali u Lokali. In-Network Ewropew ta' Kunsilliera Reġjonali u Lokali huwa inizjattiva mnedija mill-istituzzjonijiet tal-UE u indirizzata lill-politiċi lokali jew reġjonali li għandhom mandat politiku fil-livell reġjonali jew lokali f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE.

Sa mit-tnedija tiegħu fl-2021, in-network diġà għabar 'il fuq minn **2500 rappreżentant elett** f'assemblej reġjonali jew muniċipali fl-Istati Membri kollha tal-UE bil-għan li l-Ewropa titqarreb lejn il-komunitajiet lokali, jinbena djalogu dirett mal-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u jsir skambju ta' informazzjoni u networking ma' kunsilliera lokali u reġjonali oħrajn fl-Ewropa kollha, anke fid-dawl tal-elezzjonijiet li jmiss tal-PE.

Il-proġett huwa żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, b'mod partikolari mal-Kummissjoni Ewropea (in-network BELC), il-Parlament Ewropew u l-imsieħba fil-livell nazzjonali u tal-UE (l-uffiċċji ta' kollegament tal-PE, ir-rappreżentanzi tal-KE, l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-uffiċċji reġjonali bbażati fi Brussell, l-Assoċjazzjonijiet tal-UE).

## 2. L-għanijiet

In-network huwa ddisinjat biex:

- **iqarreb lill-Ewropa lejn il-komunitajiet lokali** permezz tal-ħidma ta' 1,2 miljun rappreżentant lokali u reġjonali fl-UE kollha;
- **jaġixxi bħala pjattaforma għall-kunsilliera lokali u reġjonali** biex jiltaqgħu, jiddiskutu u joħolqu network ma' kunsilliera oħra u l-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni;
- **iħeġġeġ lill-kunsilliera lokali u reġjonali** biex jieħdu sehem f'avvenimenti u attivitajiet ta' komunikazzjoni differenti qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss.

| 3. X'jista' joffri l-KtR |
|---|
| Il-KtR joffri lill-membri tan-network aċċess għal **serje ta' prodotti u servizzi interattivi u multilingwi** li jinkludu:<br><br>○ **Moduli ta' informazzjoni** dwar opportunitajiet konkreti tal-UE għat-territorju tiegħek<br>○ **Webinars, laqgħat, fora interattivi, sessjonijiet ta' networking** mal-membri tal-KtR u l-esperti tal-UE<br>○ **Stediniet għal avvenimenti ewlenin tal-KtR**, dibattiti politiċi u laqgħat fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali (fiżiċi/online)<br>○ **Info Flash ta' kull ġimgħa u bullettin ta' kull xahar**<br>○ **Grupp fuq Facebook**<br>○ **Pjattaforma online (Futurium)** għan-networking, informazzjoni dwar il-politiki tal-UE, inizjattivi leġiżlattivi tal-KtR u skambju tal-aħjar prattiki<br>○ **Taħriġ dwar l-għodod u l-mezzi tal-midja soċjali,** kif ukoll il-masterclass u l-ikkowċjar diġitali<br>○ **Stħarriġiet** biex jippreżentaw l-ideat u l-proposti tagħhom stess dwar kif jiżviluppaw aktar in-network. |

| 4. Kif tipparteċipa fil-ħidma tal-KtR |
|---|
| Il-membri tan-Network tal-Kunsilliera tal-UE jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għall-attivitajiet tal-KtR billi:<br><br>• **jagħmlu kuntatt** mal-membri tal-KtR fil-belt u r-reġjun tagħhom biex jiddiskutu l-kwistjonijiet li huma importanti għalihom;<br>• **jippromovu d-dibattitu lokali dwar suġġetti tal-UE** qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew flimkien mal-membri tal-KtR u istituzzjonijiet oħrajn tal-UE;<br>• **jipparteċipaw f'konsultazzjonijiet miftuħa** u avvenimenti ewlenin bħall-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet jew is-Summits Ewropej tal-KtR. |

| 5. Reklutaġġ |
|---|
| **In-network huwa miftuħ għal** politiċi reġjonali u lokali li huma rappreżentanti eletti fi gvern, parlament jew assemblea ta' reġjun, belt, belt żgħira, provinċja, muniċipalità jew villaġġ. Jistgħu japplikaw il-membri eletti kollha tal-kunsilli lokali jew reġjonali.<br>**Il-proċess ta' reklutaġġ**<br><br>**Stadju 1 Applikazzjoni** → Il-kandidati huma mistiedna **jimlew il-formola online**, disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE u għalhekk japplikaw għas-sħubija fin-network #EUCouncillor (sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet). Dawn huma mitluba **jipprovdu prova tal-mandat elett tagħhom**, kif ukoll informazzjoni dwar l-affiljazzjoni politika tagħhom fil-livell nazzjonali u tal-UE, il-preferenzi lingwistiċi u d-data ġeografika tagħhom.<br><br>**Stadju 2 Validazzjoni** → L-amministrazzjoni tal-KtR tiġbor applikazzjonijiet u data ġodda (f'konformità mar-rekwiżiti tal-GDPR) u tħejji lista ta' kandidati (li tinkludi wkoll dettalji dwar l-affiljazzjoni politika). Tingħata prijorità lil kandidati minn reġjuni li mhumiex rappreżentati mill-membri tal-KtR.<br><br>**Stadju 3 Reġistrazzjoni** → **Ladarba l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet approvata,** il-kandidati tintbagħtilhom konferma tas-sħubija tagħhom biex jibdew jibbenefikaw mill-firxa ta' prodotti u servizzi disponibbli għall-membri kollha tan-network #EUCouncillors. |

| 6. **Avvenimenti konġunti mal-imsieħba** |
| --- |
| Il-KtR jilqa' l-organizzazzjoni ta' avvenimenti (online u/jew fiżiċi) mibnija f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Gruppi Politiċi tal-KtR, is-servizzi interni tal-KtR u l-imsieħba tal-KtR fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, reġjonali (assoċjazzjonijiet nazzjonali u tal-UE tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, uffiċċji reġjonali bbażati fi Brussell, istituzzjonijiet tal-UE inklużi l-uffiċċji ta' kollegament tal-PE, rappreżentanzi tal-KE, EDICs) u indirizzati lill-Kunsilliera tal-UE fl-Ewropa kollha.<br><br>L-amministrazzjoni tal-KtR tista' tipprovdi komunikazzjoni, appoġġ tekniku u materjal promozzjonali li jkopri l-parteċipazzjoni tal-membri tal-KtR. Ma għandha tingħata l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja.<br><br>Dawn li ġejjin huma żewġ formati ta' avvenimenti konġunti:<br><br>1. Webinar (segwit minn sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet)<br>• Tul: massimu ta' 60 minuta (30 minuta ta' diskorsi + sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet ta' 30 minuta).<br>• Massimu ta' 3 kelliema u moderatur wieħed<br>• Għan ewlieni: kondiviżjoni ta' informazzjoni ċara u speċifika dwar il-programmi u l-politiki tal-UE<br><br>2. **Dibattiti politiċi**<br>• Tul: massimu ta' 90 minuta (inkluż mhux inqas minn 30 minuta għad-dibattitu mal-parteċipanti)<br>• Massimu ta' 6 kelliema u moderatur wieħed<br>• Għan: il-kondiviżjoni ta' fehmiet politiċi u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni u n-networking<br>• Għandu jsir kull sforz biex jiġu żgurati kontribuzzjonijiet politiċi u bbilanċjati bejn il-ġeneri. |

| 7. **Punti ta' kuntatt u informazzjoni** |
| --- |
| Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' validazzjoni u koordinazzjoni, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni, ikun utli li l-Amministrazzjoni jkollha punt ta' kuntatt tal-kunsilliera f'kull grupp politiku u kummissjoni.<br><br>**Informazzjoni**<br>➢ Network tal-Kunsilliera tal-UE fil-KtR – segretarjat (Direttorat għall-Komunikazzjoni)<br>EUCouncillors@cor.europa.eu |

_____________